Avviż għall-attenzjoni tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1592, u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 765/2006, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1591 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

(2023/C 275/09)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1592 ([2]), u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 765/2006 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1591 ([4]) dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni, l-entitajiet u l-korpi jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK u fir-Regolament (UE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Ir-raġunijiet li ddeterminaw id-deżinjazzjoni ta' dawk il-persuni, entitajiet u korpi jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tingħibed l-attenzjoni ta' dawk il-persuni, l-entitajiet u l-korpi għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti, kif indikat fis-siti web fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 765/2006, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jintużaw il-fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej qabel it-30 ta' Novembru 2023.

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Email: sanctions@consilium.europa.eu

Qiegħda tingħibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati għall-possibbiltà li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 195 I, 3.8.2023, p. 31.
([3]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 195 I, 3.8.2023, p. 1.